

# NIES TA' FAMA FIL-FLORIANA FIS-SNIN 1930 - 1940

*kitba ta' Dr Raymond Mangion B.A. (Hons.), M.A. (History), LL.D., D. Phil (Oxon.)*

Fiż-żmien ta' bejn iż-żewġ gwerer dinjija, il-Floriana ħaddan fih bosta nies ta' isem li ġejjin mis-saffi soċjali kollha tal-pajjiż, sew tal-professjoni, sew tal-kultura. Id-damma ta' wlied il-Floriana li għamlu ġieħ lil belt twelidhom u lill-bqija ta' Malta hija mżewqa bil-bosta u ma taqta' xejn.

Fil-ġrajja politika u kostituzzjonali ta' Malta, Sir Filippo Sceberras huwa bla dubju l-iktar isem li jispikka fost il-Furjaniżi ta' kull żmien. Sir Filippo, li kien tabib, għex ħajtu ġewwa l-Floriana fejn miet fl-għomor ta' 78 fl-1928. Huwa kien strumentali fit-twaqqif ta' Assemblea Nazzjonali li wasslet fi ftehim ma' l-Ingilterra sabiex Malta tingħata gvern responsabbli fl-1921. Huwa kellu wieħed mill-ikbar funerali statali li qatt rat il-Floriana u Malta.
Sir Filippo kien in-neputi ta' Camillo Sceberras li kien xejn inqas patrijott fl-ewwel nofs tas-seklu dsatax meta l-Maltin kienu għollew leħenhom mal-ħakkiema u kisbu l-jedd li jkollhom rappreżentanza fit-tmexxija ta' art twelidhom, l-ewwel tarġa importanti fit-twettiq ta' awto-determinazzjoni. Sir Filippo Sceberras kien ukoll in-nannu ta' Dr Herbert Ganado, politiku, ġurnalista u kittieb, li twieled u għex ħajtu ġewwa l-Floriana, u li immortalizza ismu bl-erba' volumi 'Rajt Malta Tinbidel'.
Dr Sciberras jew aħjar Sir Filippo kien wieħed minn għadd sabiħ ta' tobba li għexu ġewwa l-Floriana, qabel u saħansitra wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Huwa kellu lil bintu Ida li żżewġet lill-kirurgu Maġġur Robert Randon li kellu wkoll id-dar ta' l-abitazzjoni tiegħu fil-Floriana. Dr Robert qagħad lura mill-politika mhux bħal ħatnu Sir Filippo li baqa' jissemma l-iktar fil-qasam tal-mixja kostituzzjonali ta' Malta.



**Sir Filippo Sceberras**

Kulħadd jaqbel li l-Professur Sir Luigi Preziosi huwa l-iktar tabib Furjaniż magħruf fl-istorja medika ta' Malta u lil hinn minnha. Sir Luigi kien l-inventur ta' operazzjoni kirurġika li huwa ħoloq kontra t-tifrix tal-marda tat-trakoma li bis-saħħa tagħha kienu salvati bosta Maltin u barranin mill-periklu li jitilfu d-dawl. Huwa naqqax ismu fl-iżvilupp ta' l-oftalmoloġija mhux biss f'Malta iżda fid-dinja kollha.

Sir Luigi Preziosi kien twieled f'Tas-Sliema iżda għamel snin joqgħod u miet fi Triq San Tumas, il-Floriana. Missieru l-Konti Alfred u ommu Filomen mill-familja Bonnici Mampalao kien joqogħdu



**Sir Luigi Preziosi**

wkoll fi Pjazza Britannika. Il-Professur Preziosi kien ipoġġi fil-*Floriana Dispensary* jew tas-Sur Kostantinu 'Cotty' Magri li kienet ukoll l-ispiżerija fejn kien ipoġġi l-Professur Joseph Mangion.



Floriana Dispensary

Infatti, il-Professur Joseph Mangion kien tabib ieħor ferm magħruf f'Malta għaliex kien wieħed mit-tobba l-iktar kwalifikati fil-kirurġija dentali. Matul it-Tieni Gwerra Dinjija, huwa serva bħala Supretindent ta' l-Isptar Ċentrali u ssemma għall-merti tiegħu kemm f'Malta kif ukoll fir-Renju Unit. Huwa nħatar, fost karigi oħrajn, bħala Dekan tal-Fakultà tad-Dentistrija fl-Università ta' Malta u kien wieħed mill-iktar ulied ta' ġieħ fl-istorja tal-Floriana fis-seklu għoxrin.

Dr John Cesareo u Dr Victor Cesareo huma żewġ ismijiet oħrajn fil-qasam mediku li baqgħu jissemmew bħala wlied il-Floriana ta' ġieħ. Huma kienu primi kuġini li jappartjenu lil waħda mill-iktar familji magħrufin fil-Floriana li kienu waslu f'Malta mill-Italja fiż-żminijiet tal-movimenti nazzjonalistiċi fil-peninżola u fil-bqija tal-kontinent f'nofs is-seklu dsatax. Huma kienu joqogħdu fi Strada Seconda u fi Triq San Tumas. Huma kienu mnisslin minn Giuseppe Cesareo li kien rifuġjat politiku li niżel Malta matul iż-żminijiet tal-Qawmien fl-Italja fl-1848.
It-tobba Cesareo kellhom nannuhom Gaetano Cesareo li kellu ħuh Paolo, li kien ukoll wild il-Floriana, li kien poeta ta' stoffa fil-lingwa u l-letteratura Taljana. Paolo kellu ibnu Alberto, li twieled ukoll il-Floriana, li mexa fil-passi ta' missieru u niseġ poeżiji tassew sbieħ bit-Taljan iżda li baqa' jissemma l-iktar għaliex kien huwa l-fundatur ta 'l-assoċjazzjoni tal- 'pro infatia' li għenet ħafna matul is-snin biex trażżnet il-mortalità fost it-tfal.
Dr John Cesareo kien attiv ħafna fil-ħajja soċjali u kulturali tal-Floriana u għadu fil-memorji sbieħ ta' bosta Furjaniżi. Dr Victor miet qasir il-għomor meta kien fil-bidunett tal-karriera tiegħu u billi ħareġ minn din id-dinja ta' età żgħira, illum qajla huma dawk li baqgħu jiftakruh. Membri oħrajn tal-familja Cesareo kienu joqogħdu f'inħawi oħrajn tal-Floriana fosthom fi Pjazza Filippo Sceberras.

Dr Charles Zanghi kien tabib ieħor li kien igawdi stima kbira fil-Floriana. Huwa kien fost tlettax-il tabib li kienu marru jagħtu għajnuna f'Messina meta hija ntlaqtet minn terrimot qawwi fl-1908. Huwa kien ukoll nisel familja li kienet fittxet kenn politiku f'Malta fl-epoka tar-Risorġiment. Huwa kien ipoġġi fil-*Vilhena Dispensary* tal-familja Cefai u minħabba f'hekk kienet magħrufa wkoll bħala 'L-Ispizerija ta' Zanghi'. Dr Charles Zanghi kien joqgħod fi Triq San Publju iżda miet fi Triq il-Magazzini fl-1955. Dr Joseph Sammut, li kien joqgħod ukoll fi Strada Seconda fil-Floriana, kien miżżewweġ għand il-familja ta' Patri Karmelitan Anastasju Cuschieri. Huwa kien radjologu fis-servizz tal-gvern iżda ħadem ukoll bħala tabib tal-familja.

It-tabib Dr Lorenzo Bonello li kien mill-Birgu u kien miżżewweġ għand it-tabib Salomone, kellu d-dar tiegħu fil-Floriana fi żmien li huwa kien is-Supretendent ta' l-Isptar Ċentrali. Dak iż-żmien, il-Kapijiet tad-Dipartimenti kellhom id-dritt li jabitaw maġenb jew viċin is-sede ewlenija tad-Dipartiment li kien jaqa' taħthom. Bosta tobba rinomati oħrajn għexu fil-Floriana minħabba li kienu jokkupaw l-istess kariga ta' Dr Bonello fi żmenijiet differenti.

Tobba oħrajn li għexu fil-Floriana kienu Dr Joseph Morana, Dr Salvu Ciappara u Dr Romeo Vincenti li kienu tliet tobba oħrajn li kienu jservu ġewwa l-Floriana qabel it-Tieni Gwerra Dinjijia. Dr Morana kien joqgħod lejn Balzunetta u kien proprjament min-naħa ta' l-Isla. Dr Salvu Ciappara kien joqgħod lejn il-bini tal-Lucelettrika mal-ġenituri tiegħu u ħutu, fosthom is-sopran Bice Ciappara, minħabba li missieru kien il-Kap tad-Dwana. Dr Romeo Vincenti kien iservi wkoll mill-*Vilhena Dispensary* jew 'l-Ispizerija ta' Zanghi'.

Dr Benjamin Bonnici kien ukoll tabib ieħor magħruf ferm fil-Floriana fiż-żminijiet ta' qabel it-Tieni Gwerra Dinjijia. Huwa kien ukoll mill-Isla iżda għex għal bosta snin fil-Floriana u miet fi Triq is-Suq fl-1934. Huwa kien missier il-Monsinjur tal-Kattidral u Rettur tas-Seminarju Nerik Bonnici kif ukoll tal-Professur tat-Teoloġija Morali Monsinjur Karm Bonnici li kienu joqogħdu fi Triq il-Kapuċċini.
Dr Benjamin Bonnici kien ħu l-Professur Doru Bonnici li miet qasir il-għomor fi Triq San Tumas u kien diġa' għamel isem għalih għall-istudji li kien qiegħed iwettaq fil-qasam tal-kirurġija lejn tmiem is-seklu dsatax. Dr Bonnici kien ukoll ħu Dun Franġisk, filantropu u fundatur ta' l-istitut ta' San

Ġużepp f'Santa Venera. Huwa kien prim kuġin ta' Achille u Monsinjur Franġisk Ferris.

Għadd sabiħ ta' spiżjara kienu joqogħdu fil-Floriana fis-snin ta' qabel it-Tieni Gwerra Dinjija. L-ispiżjar Kostantinu Magri magħruf aħjar bħala 'is-Sur Cotty' kien joqgħod fil-Floriana fejn taħt il-loġoġ sewwa kien il-porprjetarju tal-*Floriana Dispensary*. Huwa kien iben l-avukat Kostantinu Magri u zijuh kien Patri Manwel Magri, li ħallielna l-ġabra favoluża ta' ħrejjef missirijietna. L-ispiżjar Alfred Gera de Petri kien ukoll joqgħod fil-Floriana sewwasew fi *Strada Mercato*, u kien l-ispiżjar li kien iservi mill-*Vilhena Dispensary*.

L-avukat Dr Enrico Frendo huwa wieħed mill-ewwel ismijiet li jiġi f'moħħ kull Furjaniż li huwa mistoqsi jsemmi isem ta' xi persuna mill-qasam legali li twieldet u għexet fil-Floriana. Dr Henry Frendo, kif kien magħruf l-iktar, twieled f'waħda mill-familji tradizzjonalment marbutin ma' l-avukatura. Missieru kien l-avukat Dr Giuseppe Frendo li kien mill-Floriana, u li kellu ħuh l-avukat Dr Salvatore Frendo Borg filwaqt li nannuh kien l-avukat Francesco Frendo li kien minn Ħal Balzan. Bużnannuh kien Dr Giuseppe Frendo li jissemma bħala wieħed mill-mexxejja tal-battaljuni fl-imblokk tal-Franċiżi. Zijuh min-naħa ta' ommu kien l-avukat Montanaro.

Il-familja Montanaro kellha rabtiet mill-qrib mal-Floriana. L-imħallef Dr Antoine Montanaro Gauci li kien ħareġ għall-politika iżda baqa' magħruf bħala wieħed mill-membri l-iktar prominenti tal-Gudikatura fis-seklu għoxrin kien f'żogħżitu għamel xi żmien joqgħod fil-Floriana. Is-Sur Edgar Montanaro Gauci, ħu l-imħallef, kien ukoll joqgħod fil-Floriana. Is-Sur Edgar Montanaro kien joqgħod fi Pjazza Sant' Anna. Dr Benjamin Bonnici kien ukoll miżżewweġ għand il-familja Montanaro. L-imħallef Antoine Montanaro Gauci ma kienx l-uniku membru fil-qasam tal-ġudikatura li kien joqgħod fil-Floriana.

Dr Giuseppe Caruana Colombo, li kkontesta l-elezzjonijiet f'isem il-Partit Nazzjonalista iżda qabad il-karriera legali u laħaq fl-ogħla karigi fil-ġudikatura, tant, li huwa ppresjieda kważi fil-qrati, tribunali u bordijiet kollha ta' Malta, kien ukoll joqgħod fil-Floriana. Huwa baqa' msemmi wkoll minħabba li kien il-kumpilatur ta' sentenzi tal-qrati superjuri sew dawk ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' l-appell. Avukat ieħor li għex għal numru ta' snin u miet fil-Floriana minkejja li kien Għawdxi kien Dr Giuseppe Grech. Huwa ġie joqgħod fil-Floriana wara li żżewweġ għand il-familja tal-Maġistrat Gaetano Darmanin.

Avukat prominenti ieħor li kien joqgħod fil-Floriana mal-familja tiegħu u wliedu kien Dr Lorenzo Cassar li kien miż-Żejtun. Dr Cassar kien magħruf bħala wieħed mill-aqwa avukati ta' żmienu mhux biss f'raħal twelidu iżda wieħed jista' jgħid ma' Malta kollha.

Dr Cassar kien igawdi stima fil-qrati tal-pajjiż għall-abilità legali tiegħu u kien jinġieb ħafna mill-membri tal-ġudikaturi. Huwa kien jaf il-liġi tat-traffiku fuq ponot subgħajh u kien regolarment jinħatar espert f'każijiet ta 'ħbit ta' karrozzi u vetturi oħrajn. Il-Prokuraturi Legali Ettore Caruana Scicluna, Emmanuele Quattromani kif ukoll Giuseppe Darmanin Demajo kellhom ukoll ir-residenza ewlenija tagħhom fil-Floriana. Ilkoll kienu ġejjin minn familji li naqxu isimhom f'oqsma importanti fl-istorja ta' Malta.

Ettore Caruana Scicluna kien iben l-avukat Giuseppe Caruana Scicluna u kien igawdi fama fil-qasam legali fi żmien meta l-prokuraturi legali kellhom prattika wiesgħa ħafna fil-Qrati tal-Maġistrati jew Inferjuri. Ettore kien joqgħod fi Triq il-Kappuċċini fejn miet għażeb fl-għomor ta' 85 sena. Giuseppe Darmanin Demajo, li għad hawn min jiftakru bħala President tas-Soċjetà ta' l-Arti, Manifattura u Kummerċ, kien joqgħod fi Pjazza Brittanica. Huwa kien iben l-istatwarju Ġlormu Darmanin u kien iħobb jikteb fuq l-istorja ta' Malta.

In-Nutar Giovanni Chapelle kien ukoll joqgħod fil-Floriana. Sir Luigi Preziosi kien miżżewweġ lil Lady Ludgarda, magħrufa affezzjonament bħala Lola, Chappelle. Emmanuel Quattromani kien miżżewweġ lil Dolores Marotta Enriquez u kien ta' għajnuna legali ħafna għall-fqar tal-Floriana. Huwa għamel 30 sena President tal-Kamra tal-Prokuraturi Legali u kien saħansitra jikteb il-poeżiji li kien ixandar fl-Almanakk Malti. Huwa fittex li jagħmel traduzzjoni għall-ilsien Malta ta' Ġerusalemme Liberata ta' Toquato Tasso iżda ma laħaqx temmha.

Bosta periti u arkitetti kellhom ukoll l-għamara tagħhom fil-Floriana fiż-żminijiet ta' qabel it-Tieni Gwerra Dinjija. Lorenzo Gatt, Fonzu Drago, Gustav Vincenti, Salvatore Ellul, Lewis Agius, kif ukoll Dwardu Daramanin kienu joqogħdu fil-Floriana. Lorenzo Gatt kien mill-Birgu iżda kien joqgħod ukoll fil-Floriana. Huwa okkupa bosta karigi governattivi sakemm inħatar Supretendent tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Lorenzo Gatt serva fil-Kunsill tal-Gvern għal numru ta' snin.

Il-perit Fonzu Drago wettaq ukoll servizzi importanti mal-gvern u laħaq l-ogħla karigi bħall-perit

Gatt. Huwa baqa' magħruf l-iktar għad-disinji tiegħu tal- 'Harper Area', proġett li kien jinkludi tisbiħ ta' l-ambjent bejn il-belt Valletta u fil-Floriana bil-kostruzzjoni tal-vjal li mit-tarfnett ta' Triq Sant' Anna jwassal 'il fuq għal biswit il-berġa ta' Kastilja.

Il-perit Gustav Vincenti kien ħu t-tabib Romeo u għamel il-pjanti ta' wħud mill-isbaħ edifiċji li nbnew fil-perjodu ta' bejn iż-żewġ gwerer meta l-istil 'art nouveau' kien fl-aqwa tiegħu u l-Bord ta' estetika kien maħtur mill-gvern biex iħares is-simmetrija fl-arti tal-bini. Il-perit Vincenti baqa' msemmi l-iktar għall-blokk ta' flattijiet li l-Knisja lokali waqqfet fi Triq l-Ifran, il-belt Valletta.

Il-perit Agius, li min-naħa tiegħu, twieled fil-belt Valletta, kien ġej minn familja antika mill-Floriana. Huwa kien iben Walter Agius li kien Strickland-jan ferventi u deputat mal-Partit Kostituzzjonali fi żmien il-gvern tal- "kumpatt" taħt l-ewwel gvern responsabbli. Huwa kien magħruf minn kulħadd bħala Ġiġi u min-naħa t'ommu kien nisel tal-familja Falzon li kellha għadd ta' membri li laħqu fil-ġudikatura. Ġiġi kien laħaq Kaptan fil-KOMR u kien jispeċjalizza fil- 'public lighting' għadilli huwa aktar tebagħ notamenti fuq ix- 'sheet asphalt' milli fuq ħaġ'oħra. Huwa kien ħu l-Patri Ġiżwita Thomas Agius li niseġ ħajjet Saint Eclair.

Dwardu Darmanin kien wild waħda mill-iktar familji distinti mill-Floriana li tmur lura għal nofs is-seklu dsatax. Għad hawn minn jiftakarhom joqogħdu fi Pjazza Sant' Anna. Dwardu, li kien miet għażeb, kien ħu t-tabib Francesco Saverio, il-prokuratur leagli Johnny u Ġużeppi li kien meqjus wieħed mill-aqwa matematiċi f'Malta ta' qabel it-Tieni Gwerra Dinjija. Huma kienu wlied il-Maġistrat Dr Gaetano Darmanin li miet fl-istess Pjazza Sant' Anna u min-naħa ta' ommhom Marija kellhom qrubija mal-familja ta' Dr Henry Frendo. Huma kellhom ħuthom oħrajn fosthom Rożina li żżewġet lill-avukat minn Għawdex Dr Giuseppe Grech.

Bosta nies li kellha rabtiet mill-qrib ma' l-industrija tal-kostruzzjoni u l-infrastruttura jqisu lill-perit Salvu Ellul bħala wieħed mill-aqwa arkitetti Maltin tas-seklu għoxrin. Huwa kien sewwa sew mill-Isla iżda kien joqgħod fi Pjazza Brittanica wara li żżewweġ għand il-familja Mattei u qabel bena l-ewwel villa f'Ta' Xbiex fuq disinn tiegħu stess.

Il-perit Salvu Ellul kien jappoġġja lill-Partit ta' Panzavecchia meta Malta kisbet gvern responsabbli fl-1921. Madanakollu, huwa qatt ma ħareġ għall-politika. Huwa fassal, fost l-oħrajn, il-pjanta ta' l-Isptar San Luqa. Fil-Floriana kien joqgħod ukoll il-Perit il-Kavallier Manwel Borg. Huwa kien benefattur kbir tal-kunvent u l-knisja tal-Patrijiet Kapuċċini tal-Floriana. Huwa kien saħansitra ħażżeż bla ħals il-pjanta tal-kappella tal-Madonna ta' Lourdes li l-Patrijiet bnew maġenb il-knisja u l-kunvent tagħhom.

Mill-Floriana ta' l-imgħoddi ħarġu għadd ta' familji oħrajn li matul is-snin inferxu ma' bosta nħawi ta' Malta. Waħda minnhom hija l-familja Doublet li l-kapostipite tagħha f'Malta kien Ovid Doublet minn Orleans, Franza, Segretarju tal-Granmastru Hompesch u medjatur fit-trattat ta' kapitulazzjoni ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Fergħa ta' dixxendenti minn din il-familja twieldu u għexu fil-Floriana u taw kontribut f'diversi taqsimiet tal-ħajja Maltija fosthom il-perit Anton Doublet u l-*goalkeeper* tal-Floriana F.C. Dwardu Doublet.

Il-Professur Doru Bonnici kien miżżewweġ lil Marija Doublet, bint il-perit u inġinier Lwiġi li miet ukoll fil-Floriana. Il-Perit Lwiġi kien ħażżeż, fost ħwejjeġ oħrajn, Albert Town fil-Marsa, iżda kien għamel ħoss meta xandar f'ġurnal lokali disinn ta' speċi ta' ajruplan żgħir li baqa' biss fuq il-karta. Familja oħra li kellha sehem fir-ruħ tal-ħajja soċjali u kulturali ta' Malta sa minn ħafna qabel il-perjodu ta' bejn iż-żewġ gwerer dinjija kienet dik ta' Tonna Barthet. Bosta membri minn din il-familja distinta għamlu isem fil-qasam ta' l-edukazzjoni u l-kultura f'Malta u lil hinn minnha.

Il-Professur Gaston Tonna Barthet huwa forsi l-iktar wieħed li baqa' jissemma għall-ħidma tiegħu għat-tixrid tal-kultura letterarja u mużikali. Il-Professur Gaston ħadem, fost ħwejjeġ oħrajn, sabiex ixerred it-tagħlim tal-Franċiż li tiegħu kien saħansitra lettur għal bosta u bosta snin fuq il-livelli kollha ta' l-istruzzjoni, inkluż l-Università. Il-Professur Gaston laħaq il-qofol tal-karriera tassew imżewqa tiegħu bħala edukatur, qabbiel, editur, u organizzatur ta' akkademji wara t-Tieni Gwerra Dinjija.

Fl-aħħar u mhux l-inqas, il-Kavallier Emanuel Tonna jispikka għall-kontribut imlewwen li ta lil belt twelidu kemm bħala għalliem kif ukoll bħala kittieb, u li jinħtieġ paġni sħaħ biex jitniżżel iswed fuq l-abjad. Is- 'Sur Lolly' kien il-Kap ta' l-Iskola Primarja tal-Floriana kif għadhom jiftakruh bosta Furjaniżi li twieldu wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Huwa kien moħħu dejjem fuq il-wirt għażiż tal-Floriana. Malli faqqa' dak il-konflitt armat internazzjonali, huwa kien ippropona li jitqiegħed 'blast-wall' quddiem in-niċċa ta' San Publju. Allaħares il-Furjaniżi ma mxewx fuq il-parir tiegħu għaliex meta l-knisja kienet ibbumbardjata u mietu bosta

nies, l-istatwa tal-Qaddis Malti u Patrun tal-Floriana kienet tispiċċa meqruda.

Il-Kavallier Tonna niseġ għadd sabiħ ta' kitbiet dwar aspetti diversi minn ġrajjiet il-Floriana. Huwa ħadem qatigħ għall-ġid ta' bosta fergħat mill-ħajja soċjali tal-Floriana, speċjalment ta' l-anzjani Furjaniżi, u bħall-Professur Tonna Barthet laħaq il-milja tal-ħajja ċivika u pubblika tiegħu wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Ftit jafu li s-Sur Tonna kien dak li beda l- 'Community Chest Fund' li tant tagħmel ġid fil-pajjiż. Madanakollu, il-vjaġġ fil-passat tal-Floriana qabel u wkoll wara t-Tieni Gwerra Dinjija jissokta fi programm ieħor tal-festa.



Il-Kavallier Emm. S. Tonna




365 online

APS bank Internet Banking

A fast, flexible and convenient way of keeping in touch with your bank account any time of the day, any day of the year.

ATTARD • FLORIANA • MOSTA • PAOLA • VALLETTA • GOZO

Tel: 2122 6644 www.apsbank.com.mt

APS Bank Ltd is licensed by the Malta Financial Services Authority

APS bank

THE BANK YOU WANT US TO BE




GĦAL KULL XORTA TA' ĦWEJJEĠ TA' L-AĦĦAR MODA, ŻRABEN U BJANKERIJA BI PREZZIJIET FERM TAJBIN

*70, ST. THOMAS STR., FLORIANA*

*TEL: 21 220651*